MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Awwissu, 2003

Numru 667/2003

**Artikoli 325(b) 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Denise Mula**
**v**

**ALI ABDULLAH MIZOUGI**

**Seduta ta' llum, 19 ta' Awissu, 2003**

**Il-Qorti,**
Rat lil imputat **ALI ABDULLAH MIZOUGI** ta' tmienja w ghoxrin sena bin Abdullah u Halima imwieled Tripoli nhar l-ghaxra ta' Mejju 1975 ta' nazzjonalita Libjana u detentur ta' numru ta' passaport mhux maghruf, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-ghaxra (10) ta' Awissu 2003 volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u dan f'post ta' kustodja tal-pulizija CID Lock Up fil-Kwartieri Generali tal-Floriana, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira maltin

(LM50) izda ma tiskorriex il-hames mitt lira maltin (LM500).

Talli sar recidiv billi kien instab hati ta’ reat b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dottor Antonio Mizzi) moghtija fit-tmienja (8) ta’ Frar 2001 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 325(b0, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tmintax (18) ta’ Awissu 2003 esebit fl-atti u mmarkat bhala dokument CSH sabiex dawn il-proceduri jigu trattati u decizi bi procedura sommarja.

Il-Qorti semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu dakinhar stess tal-presentata u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tieghu u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu.

Il-Qorti semghet ukoll lil Prosekuzzjoni tiddikjara li l-ammont tal-valur ta’ hsara kagunata mill-imputat tammonta ghal cirka tmenin lira maltin (LM80).

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat fejn kien diga nstab hati ta’ akkuza u ghalhekk l-akkuza tar-recidiva hija wkoll pruvata.

**Ghaldaqstant il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi piena karcerarja hija l-piena idonea u ghaldaqstant wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 325(b), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed tikkundanna lil imputat ALI ABDULLAH MIZOUGI ghal piena karcerarja ta' sitt xhur mill-liema perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konessjoni ma' dan il-kaz.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------